MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## NOEL CUSCHIERI

Seduta ta' l-24 ta' Gunju, 2010

Citazzjoni Numru. 40/2010

Kawza fil-lista: 42

**A B C**
**vs**
**D E**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attrici ppremettiet: li l-partijiet izzewwgu fl-24 ta' Mejju 2004; li minn dan iz-zwieg huma m' ghandhomx tfal; li l-kunsens matrimonjali ta' l-attrici nkiseb b' qerq dwar kwalita' tal-konvenut; li l-kunsens matrimonjali tal-partijiet kien vizzjat fis-sens tal-paragrafu [d] ta' l-artikolu 19[1] tal-Kap.255, u dak ta' l-attur fis-sens tal-paragrafu [f] ta' l-istess artikolu tal-ligi; li ghalhekk iz-zwieg huwa null fil-ligi; ghaldaqstant qed titlob li z-zwieg taghha mal-konvenut jigi dikjarat null u bla effett fil-ligi;

Rat li l-konvenut, debitament notifikat, ghazel li jibqa' kontumaci;

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluz l-affidavit prezentat;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

**L-Azzjoni**

Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attrici qeda titlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni gudizzjali fis-sens li z-zwieg taghha mal-konvenut kuntrattat fl-24 ta' Mejju 2004 huwa null fil-ligi, stante li l-kunsens matrimonjali taghha, dak tal-konvenut, u dak tal-partijiet huwa vizzjat fit-termini tal-paragrafi [c][d] u [f] ta' l-artikolu 19[1] tal-Kap.255 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Il-Fatti**

Illi jirrizulta sodisfacentement provat li l-attrici, cittadina mill-Ukrajina, u l-konvenut, cittadin Malti, izzewwgu civilment fl-24 ta' Mejju 2004, meta allura t-tnejn kellhom circa tletin sena, u wara li kienu ilhom johorgu flimkien ftit xhur. Wara konvivenza ta' circa hames snin il-partijiet isseparaw *de facto* meta l-attrici ssorprendiet lill-konvenut gharwien fis-sodda ma' ragel iehor.

Minn dan iz-zwieg ma twieldux tfal.

L-attrici tispjega li matul il-konvivenza matrimonjali, ghalkemm il-partijiet kien ikollhom relazzjonijiet intimi, izda "during our love-making D would insist upon unnatural carnal connections. He used to say that it is only a different outlook on our love life, and it makes it much more exciting."[1]

Fil-frattemp l-attrici bdiet tinnota li l-konvenut, allura zewgha, kien qed jiffrekwenta hbieb li kienu *gay*, u tghid li dan il-fatt lilha kien idejjaqha ghax dawn kienu dejjem

[1] Aff. Fol.14

ikunu hemm fid-dar matrimonjali. Darba minnhom ssorprendiet lill-konvenut gharwien fis-sodda ma' wiehed mill-hbieb tieghu; u eventwalment il-konvenut ammetta maghha li huwa kien omosesswali, u peress li kien hbilha dan il-fatt qabel iz-zwieg, hija hassitha li kienet giet ingannata minnu.

L-attrici pproduciet sentenza[2] moghtija mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell Kriminali fis-26 ta' April 2007 li kkonfermat sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati [Malta] fil-guridizzjoni kriminali li permezz taghha l-konvenut, flimkien ma' ragel iehor, kienu nstab hati li "fil-21 ta' Lulju 2006 ghal habta tal-11.30 pm gewwa Triq Aldo Moro Marsa, f'post pubbliku jew f'post espost ghall-pubbliku, tlajjaw, jew ghamlu biex ihajjru ghall-iskop ta' prostituzzjoni jew ghal skopijiet immorali." u gie kkundannat piena karcerarja sospiza.

Illi fid-deposizzjoni tieghu, il-konvenut ammetta l-fatti allegati mill-attrici fl-affidavit taghha.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

Illi Qorti hija tal-fehema li f' dan il-kaz jikkonfigura l-*caput nullitatis* kontemplat fil-paragrafu [c] ta' l-artikolu precitat, da parti tal-konvenut, stante li jirrizulta *ab abundantiam* li, fil-mument tal-ghoti tal-kunsens matrimonjali, dan qarraq bl-attrici, u ma qallhiex li nerenti fih kien hemm kwalita' li mix-xorti taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewwga; jikkonfigura wkoll, wkoll da parti tal-konvenut, il-*caput nullitatis* kontemplat fil-paragrafu [d], stante li minhabba anomalija psikologiku l-konvenut kien fl-inkapacita' li jassumi l-obbligi matrimonjali u jibni ma' martu komunjoni ta' hajja u mhabba.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehema li t-talba attrici hija gustifikata fil-fatt u fid-dritt, u timmerita li tigi milqugha.

---

[2] Fols. 16 *et seq.*

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tilqa’ t-talba attrici u tiddikjara null u bla effett fil-ligi z-zwieg kuntrattat bejn il-partijiet;

L-ispejjez kollha jkunu a kariku tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------